TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 221/13/GB

**M'Rita Borg**

**vs**

**Eurotex Enterprises**

Illum 4 ta' Dicembru 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-10 ta' Ottubru, 2013, fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' tnejn u hamsin Ewro (€52.00), rapprezentanti l-prezz li hija hallset meta xtrat żewġ 'quilts', liema 'quilts' ma kienux tal-kwalita' pattwita.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija xtrat żewġ 'quilts' minghand MLJ Bazaar. Wara l-istagun tax-xitwa, ir-rikorrenti haslithom ghall-ewwel darba billi mxiet skond l-istruzzjonijiet tal-hasil fuq il-'quilts' in kwistjoni. Wara li haslithom, hija ndunat illi l-'quilts' in kwistjoni tilfu l-kulur.

Ir-rikorrenti ezebiet kopja ta' invoice datata 27 ta' Novembru 2012, mahruga minghand is-socjeta' ntimata, bhala l-agent tal-'quilts' in kwistjoni, lill-hanut minn fejn ir-rikorrenti xtrat l-imsemmija 'quilts'.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

L-ewwelnett, ir-rikorrenti ezebiet dokument illi qatt ma kellu jkun f'idejha. Tieninett, il-hanut minn fejn inxtraw il-'quilts' in kwistjoni ilu jbiegh dawn il-'quilts' mill-2010 u qatt ma kellu xi tip ta' problema. Wara li r-rikorrenti wżat il-'quilts' xitwa shiha u fl-ahhar haslithom, qieghda tghid illi tilfu l-kulur. Dan m'huwiex minnu ghaliex il-kulur u dizinn huwa car hafna. Dak il-faxx li qed jidher fuq naha tal-'quilt' sar ghaliex il-'quilt' hija goffa hafna u diffiċli biex tidhol fil-magna tal-hasil. Illi ghalhekk, kien diffiċli li l-'quilt' iddur sewwa waqt il-hasil u tiehu d-detergent regolari u uniformi mal-partijiet kollha.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebiet wahda mill-'quilts' in kwistjoni *animo ritirandi* waqt is-seduta.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Is-socjeta' ntimata ezebiet żewġ 'pillow covers' *animo ritirandi* waqt is-seduta, wahda minnhom mahsula u l-ohra mhux mahsula.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jikkonkludi illi in vista tal-fatt illi fuq osservazzjoni tat-Tribunal stess, il-'quilts' in kwistjoni, hekk skond it-tabella tal-istruzzjonijiet tal-hasil fuq l-istess, setghu jinhaslu f'magna tal-hasil, u in vista tal-fatt ukoll illi huwa minnu illi l-'quilts' in kwistjoni tilfu l-kulur wara l-ewwel darba li nhaslu, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-socjeta' ntimata thallas l-ammont ta' tnejn u hamsin Ewro (€52.00) lir-rikorrenti, filwaqt illi jordna lir-rikorrenti tirritorna l-'quilts' in kwistjoni lis-socjeta' ntimata, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**